MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 276/2001/1

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Patty Ann Navarro**

**Vs**

**Carmel Attard**
**U b'verbal tat-23 ta' Mejju, 2001, il-kliem "Carmel Attard" gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "Anton sive Anthony Vella.**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' April, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti illi:

1. Tiddikajra lill-konvenut responsablli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenut u Sian Navarro s-sewwieqa tal-vettura numru XAN 020 u li sehh fit-8 ta' Ottubru, 2000, fil-limiti ta' l-Imsida waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura SAX 007 b'mod traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tliet mija u tnejn u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm332.80) jew ammonti ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ l-ittra legali tas-16 ta’ Ottubru, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, kif ukoll bl-ispejjez ta’ Ittra Ufficjali ndirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut ipprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghax ghall-incident “de quo” l-eccipjent ma kien jahti xejn u l-incident, ghall-kuntrarju, gara tort tas-sewwieq tas-socjeta’ attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq it-Torri kantuniera ma’ Triq Nazju Ellul, l-Imsida, fit-8 ta’ Ottubru, 2000, bejn il-karozza bin-numru XAN 020 misjuqa minn Sian Navarro u l-karozza SAX 007 misjuqa minn Anthony Vella.

Dan ta’ l-ahhar kien hiereg minn Triq Nazju Ellul, biex jidhol fi Triq it-Torri, mentri Navarro kienet qeghda ssuq fi Triq it-Torri, ghad-dritt lejn l-Imsida.

Navarro xehdet illi waqt li kienet niezla fid-direzzjoni ta’ l-Imsida, rat il-karozza misjuqa minn Vella wieqfa wara l-*istop sign*, kantuniera ma’ Triq Nazju Ellul. Ghalhekk hija kompliet tavvicina din il-kantuniera, izda f’daqqa wahda ratu johrog minn wara l-*istop sign* u jibged lejn il-lemin

ghad-direzzjoni taghha. Ippruvat tevita l-impatt billi tersaq lejn ix-xellug izda ma nrexxilhiex u laqtet il-karozza misjuqa minn Vella fuq il-mudguard tan-naha ta' wara tal-lemin. Il-hsarat taghha kienu fuq quddiem mal-mudguard tan-naha tal-lemin.

Navarro ma tantx qablet mal-iskecc illi pprezenta l-pulizija, peress illi dehrilha li l-karozzi ma kienux daqshekk imbeghdin u l-i*spot of impact* kien aktar l-isfel lejn il-kantuniera ta' Triq Nazju Ellul.

Il-konvenut Anthony Vella wkoll ma jaqbilx ma l-iskecc peress illi dak il-hin dehrlu li ma kienx hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug, ghad illi l-pulizija nsista illi meta ghamel l-iskecc karozzi kien hemm. Madankollu, Vella jghid illi huwa waqaf wara l-i*stop sign* biex jesplora t-triq. Ma rax karozzi, ghad illi ra dawl fil-boghod. Ghalhekk, huwa hareg bilmod, dar lejn il-lemin izda fil-pront giet il-karozza l-ohra misjuqa minn Navarro u baqghet diehla fuqu.

Xehed ukoll John Bonnici l-Claims Manager ma' Bonnici Insurance Agency Limited, li huma agenti tal-Middle Sea Insurance, fejn ikkonferma li l-karozza ta' Navarro kienet assikurata mad-ditta minnu rapprezentata, b'polza tat-tip *comprehensive*. Navarro rrapurtat dan l-incident u fuq rakkomandazzjonijiet tas-*surveyor* saru r-riparazzjonijet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, anki jekk il-Qorti tiskarta l-iskecc, issib illi ghandha x'ticcensura fl-operat tal-konvenut Anthony Vella. Bhala sewwieq hiereg minn wara l-*istop sign* kien jinkombi fuqu attenzjoni u prudenza ferm aktar milli kieku ghaddej fit-triq ghad-dritt. Kien fid-dover illi jesplora sewwa t-triq u ma johrogx qabel ma jkun cert li jista' jaghmel hekk minghjar periklu ghal haddiehor.

Il-konvenut qal illi huwa ra dawl ta' vetturi ohra gejjin mill-boghod u ghalhekk qabghad u hareg, izda evidentement

ma kkalkulax sew ghax il-karozza misjuqa minn Navarro kienet ferm aktar vicin milli haseb.

Navarro tghid, illi meta habtu, l-karozza ta’ Vella kienet ghadha angolata, ma qabditx it-triq ghad-dritt. Dana jkompli jindika li fil-fatt Vella kien ghadu kif hareg minn wara l-*istop sign* meta sar l-impatt.

Ir-ritratt esebit minn Navarro fl-ahhar seduta, jikkorobora l-verzjoni taghha, illi l-karozzi habtu kantuniera ma’ kantuniera li tindika l-posizzjoni angolata tal-habta. Min-naha l-ohra Navarro kienet qeghda ssuq ghad-dritt u ma kienx jinkombi fuqha x’obbligazzjonijiet partikolari ghajr illi tkun mohha fit-triq u tkun taf x’qeghda taghmel.

Fil-fatt dina xehdet li rat il-karozza ta’ Vella wieqfa wara l-*istop sign*, pero’ ma kinitx qeghda tippretendi illi din il-karozza kienet ser taqbad u tohrog waqt illi hija qeghda tavvicina. Jista’ jaghti l-kaz, li peress illi kienet ghadha kemm ghamlet ix-xita, z-zlieq li kien hemm fl-art ikkontribwixxa ghall-incident peress illi l-karozzi ma setghux jieqfu aktar malajr. Pero’, hi x’inhi, din ma kinitx il-kawza prossima ta’ l-incident, izda kien proprju s-sewqan ta’ Vella illi qabad u hareg minn wara l-*istop sign* minghajr ma ha l-mizuri necessarji.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti esklusivament u unikament il-konvenut Anthony Vella, minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikajra lill-konvenut unikament responsablli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta’ Ottubru, 2000, fi Triq it-Torri kantuniera ma’ Triq Nazju Ellul, l-Imsida, bejn il-vettura numru XAN 020 misjuqa minn Sian Navarro u l-vettura SAX 007 misjuqa mill-konvenut, u dana minhabba negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tliet mija u tnejn u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm332.80), u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur